NON EZAWRIMENT TA' RIMEDJI ORDINARJI

APPELL PENDENTI

LEGITTIMU KONTRADITTUR

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 64/2015/LSO**

**Alexander Barbara (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 82838(M))**

**vs**

**L-Avukat Generali u b' digriet tal-24 ta' Settembru 2015 gew kjamati in kawza**

**Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina Barbara u Mario Farrugia; u b' digriet tal-14 ta' Jannar 2016 gie kjamat fil-kawza id-Direttur Qrati Civili u Tirbunali**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Alexander Barbara datat 4 ta' Awwisu 2015 fejn esponew: -

**1. Introduzzjoni**

1.1. L-esponenti ser jibda` sabiex jispjega r-retroxena tal-fatti li wasslu ghall-prezentata ta' dan ir-rikors u mbaghad jghaddi sabiex jispjega l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mertu ta' l-istess;

1.2. L-esponenti huwa parti fi proceduri gudizzjarji bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li ghandhom in-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et.** Fil-qasir hafna, dawn il-proceduri gudizzjarji jittrattaw dwar gardina li taghti ghal fuq Triq Burgrat, Gudja li fuqha bena l-esponenti Alexander Barbara. L-esponenti jsostni li din il-gardina hija tieghu kemm ghaliex kien wiritha missieru Giovanni

Barbara kif ukoll ghaliex l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet ga ddecidiet li hija proprjeta` ta' missieru. Fil-fatt, il-proceduri gudizzjarji appena imsemmija ma kenux l-unika proceduri gudizzjarji li l-mertu taghhom kienet il-gardina in kwistjoni. L-ewwel kawza li kienet saret kienet dik deciza b'sentenza ta' nhar il-31 ta' Jannar, 1997 fl-atti tac-Citazzjoni bin-numru: 247/1979/FGC fl-ismijiet **Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia.** Din kienet kawza ta' spoll li nbdiet mill-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti cioe` missieru kontra l-predecessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawza bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Permezz ta' din il-kawza, il-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti kienu ilmentaw u fil-fatt ippruvaw li l-predecessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawza bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienu invadew parti mill-gardina li kienet proprjeta` tal-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti. Kien inhatar il-Perit Tekniku Rene' Buttigieg u meta pprezenta r-relazzjoni tieghu sahansitra hejja u annetta pjanta li turi d-delimitazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi. Minn tali pjanta kien irrizulta wkoll li l-predecessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawza bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienu invadew il-proprjeta` tal-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti. Relevanti hafna hija l-kunsiderazzjoni li kienet ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha - li ma kenitx giet appellata - fis-sens li gej: *Dan il-hajt jinsab delinejat mill-perit tekniku fil-pjanta Dok. RB4 esebita a fol. 131 tal-process; u l-istess perit wasal ghall-konkluzjoni li dan huwa mibni fil-proprjeta` ta' l-atturi.* ***Ghalhekk, minbarra li l-atturi huma possessuri tal-art ossija gardina li fuqha***

***nbena l-hajt in kwistjoni, jirrizulta wkoll illi din il-gardina hija proprjeta` taghhom, kif ippremettew fic-citazzjoni;***

1.3. Kien gie ritenut hekk ghaliex il-provi migjuba mill-predecessuri ta' l-esponenti kienu tant cari li ma jhallu l-ebda dubju mhux biss ta' l-element tal-pussess ghal finijiet ta' kawza ta' spoll izda anke dwar it-titolu tal-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti dwar il-gardina in kwistjoni. Il-Perit Rene' Buttigieg kien sahansitra hejja pjanta illi fuqha stabbilixxa il-linja ta' demarkazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Qabel din il-kawza ta' spoll, il-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti kienu wkoll ipprezentaw mandat ta' inibizzjoni kontra l-predecessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawza bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li kellu n-numru 97/1979. Fl-atti ta' dak il-mandat ta' inibizzjoni kien inhatar perit tekniku iehor, il-Perit Tekniku Edwin Calleja, li wkoll kien wasal ghal konkluzjoni illi l-predecessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawza bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell invadew proprjeta` tal-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti. Mieghu kien inhatar l-Avukat Carmelo Vassallo li rrelata fl-istess sens;

1.4. F'dawn il-kawzi u kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-predecessuri fit-titolu ta' l-atturi fil-kawza bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma kenux qeghdin jikkontendu illi l-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti ma ghandhomx jeddijiet fuq il-gardina in kwistjoni izda kienu qeghdin jikkontendu l-estent

tal-parti tal-gardina li l-predecessuri fit-titolu ta' l-esponenti ghandhom jedd fuqha. Il-kwistjoni kienet wahda ta' kejl. Tali kwistjoni giet determinata mir-relazzjoni tal-Perit Rene' Buttigieg li ffurmat il-bazi tas-sentenza li kienet inghatat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-31 ta' Jannar 1997. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell;

1.5. Imbaghad meta l-esponenti beda x-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-parti tal-gardina spettanti lilu skont it-titolu tieghu u skont dak li kien irrelata l-Perit Rene' Buttigieg, huwa gie rinfaccjat b'serje ta' proceduri gudizzjarji fosthom rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1389/2003/NC fl-ismijiet **Carmelo Farrugia et v. Alexander Barbara** li permezz tieghu intalab li l-esponenti jigi mwaqqaf milli jaghmel xoghlijiet fuq il-gardina li tinstab fuq in-naha ta' wara tal-fond numru 70 gja 69 fi Triq Santa Marija, il-Gudja. L-esponenti kien wiegeb - fis-sustanza - fis-sens li l-uniku xoghol li kien ser jintraprendi kien li ser itella' l-hajt divizorju fuq il-linja medjana bejn il-proprjeta` tieghu u dik adjacenti kif traccjata mill-Perit Rene' Buttigieg li kien gie nominat fil-kawza bic-Citazzjoni bin-numru: 247/1979/FGC fl-ismijiet **Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et** deciza nhar il-31 ta' Jannar, 1997 u ezebixxa, fost onrajn, is-sentenza imsemmija, il-pjanta li kien hejja l-Perit Rene' Buttigieg li turi d-delimitazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi u r-relazzjoni teknika li kien hejja l-istess Perit Rene' Buttigieg fl-atti ta' l-istess kawza. Fl-atti ta' dak il-mandat ta' inibizzjoni, kien rega' inhatar mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili il-Perit Rene' Buttigieg li rega' irrelata permezz

ta' relazzjoni li permezz taghha rega' ikkonferma l-kostatazzjonijiet precedenti tieghu dwar fejn ghandha tigi l-linja medjana u li f'dan il-kaz l-esponenti kien qieghed jaghmel zvilupp fil-proprjeta` tieghu. B'digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Jannar, 2004, it-talba ghall-hrug ta' dak il-mandat kienet giet michuda bl-ispejjez peress li gie ritenut li ma kenitx gustifikata;

1.6. Imbaghad nhar l-1 ta' Lulju 2005 giet ipprezentata kontra l-esponenti l-kawza hawn fuq imsemmija pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** u din id-darba l-atturi f' dawk il-proceduri bdew jikkontendu illi l-esponenti ma ghandu xejn mill-gardina in kwistjoni u li kien bena fuq proprjeta` taghhom;

1.7. Id-difiza ta' l-esponenti f'dik il-kawza, kienet u ghadha, sostanzjalment impernjata fuq il-proceduri gudizzjarji li kien hemm qabel ossija fuq il-provi akkwiziti f'dawk il-proceduri, fuq ir-relazzjonijiet li gew ipprezentati u fuq is-sentenzi moghtija. Kien ghalhekk illi sa mill-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, l-esponenti talab illi jigi allegati l-processi tal-proceduri kollha li kien hemm pendenti rigward il-gardina in kwistjoni. L-ewwel udjenza fil-kawza hawn fuq imsemmija pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** inzammet nhar is-7 ta' Novembru 2005 fejn - kif ser jirrizulta - giet ordnata l-allegazzjoni tal-kawza bic-Citazzjoni bin-numru:

247/1979/FGC fl-ismijiet **Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et** deciza nhar il-31 ta' Jannar 1997 u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru: 97/1979. Kwazi tliet (3) snin wara jidher li l-atti ordnati li jigu allegati kien ghadhom ma gewx allegati tant illi waqt l-udjenza ta' nhar it-3 ta' April 2008 filwaqt li saret referenza ghall-verbal ta' l-udjenza ta' nhar is-7 ta' Novembru 2005 giet ordnata komunika lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili. Imbaghad nhar l-4 ta' Gunju 2008 giet ipprezentata nota mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali - liema nota ma gietx notifikata lill-partijiet jew lid-difensuri taghhom - fis-sens illi l-atti li taghhom giet ordnata l-allegazzjoni ma nstabux. Il-kawza damet tkarkar ghal diversi snin, l-atturi f'dik il-kawza ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju 2013. Wara talbu l-hatra ta' perit tekniku u l-esponenti oggezzjonaw ghaliex gja kien irrelata l-Perit Rene' Buttigieg fl-atti li kellhom jigu allegati u l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta ta' l-esponenti;

1.8. Purtroppo x'hin il-Prim’Awla tal-Qorti Civili giet biex taghti s-sentenza taghha - dik ta' nhar is-26 ta' Frar 2015 - evidentament ma kellhiex quddiema l-atti processwali li kellhom jigu allegati jew ma rathomx ghaliex is-sentenza hija interament ibbazata fuq rapport ta' perit inkarigat *ex parte* mill-parti avversarja u s-sentenza hija kwazi fl-intier taghha ezercizzju ta' riproduzzjoni testwali ta' tali rapport *ex parte*. Dan wassal biex l-esponenti jkun il-parti sokkombenti f'dak il-gudizzju minkejja dak li kien gja gie deciz u r-relazzjonijiet li saru fil-proceduri kollha precedenti.

Huwa intavola appell u ilmenta, fost affarijiet ohra, mill-fatt li l-atti li kellhom jigu allegati ma nstabux mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali. L-atturi f'dik il-kawza wiegbu u filwaqt illi ma cahdux dan il-fatt stqarrew illi l-esponenti messu lmenta qabel. L-esponenti ikkomunika wkoll mad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali u minn ricerka li saret irrizulta li l-atti li kellhom jigu allegati kienu jinstabu f'*cupboard* fis-sigrieta ta' l-lmhallef li ta s-sentenza;

1.9. L-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali ta' l-esponenti huwa kemm fil-konfront tal-process kollu quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll fil-konfront tas-sentenza moghtija mill-istess Qorti in kwantu huwa jsostni illi gie serjament lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi spjegat fid-dettall f'dan ir-rikors;

## 2. Dwar il-process quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

2.1. Kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, id-difiza ta' l-esponenti kienet impernjata sostanzjalment fuq il-provi akkwiziti fil-proceduri gudizzjarji precedenti, b'mod partikolari fuq ir-relazzjonijiet li gew ipprezentati u mahlufa u fuq is-sentenzi moghtija;

2.2. Filwaqt illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili gustament laqghet it-talba ghall-allegazzjoni ta' dawn l-atti, effettivament jidher illi kien hemm dubju serju kemm effettivament dawn l-atti qatt instabu u gew allegati u jekk tassew instabu qabel ma inghatat is-sentenza u gew allegati, evidentament dawn ma gewx ikkunsidrati fis-sentenza moghtija;

2.3. Jibda billi jinghad illi huwa nuqqas serju illi kwazi tliet (3) snin wara li giet ordnata l-allegazzjoni ta' l-atti processwali hawn fuq imsemmija, ma kienu ittiehdu l-ebda passi mill-amministrazzjoni sabiex dawn jigu effettivament allegati;

2.4. Huwa nuqqas serju iehor illi wara t-trapass ta' l-istess zmien, id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali jghid illi l-istess atti processwali taht il-kustodja tieghu ma nstabux minghajr imqar ma jinnotifika lill-partijiet u jew lid-difensuri taghhom;

2.5. Nuqqas serju iehor huwa li jekk tali atti processwali fil-fatt instabu xi hin matul l-andament tal-kawza, ghalkemm ma jidhirx li dan huwa tassew il-kaz, ma saritx nota min-naha tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali fejn jikkoregi l-informazzjoni moghtija permezz tan-nota tieghu fejn informa lill-Qorti li l-atti ma nstabux;

2.6. L-esponenti jhoss illi huwa nuqqas serju fil-konfront tieghu, illi illedielu l-jedd ta' smigh xieraq, illi kien hemm dan l-intopp jew ostakolu fit-tressiq tal-provi tieghu liema provi kienu tant importanti ghad-difiza minnu mressqa. Dan

ma kienx xi incident marginali jew xi prova li setghet leggerment tigi skartata izda kienu atti processwali kontenenti relazzjonijiet teknici li gja kienu ddecidew fuq il-punt kontrovers fil-kawza. Tant kemm kienu importanti dawn il-provi li ftit li xejn kienet ser taghmel differenza x'jghidu x-xhieda fil-kawza izda kien importanti x'qalu x-xhieda fil-kawza precedenti u x'attwalment irrelataw il-periti mahtura f'tali kawza;

2.7. Gie mghallem illi *the parties to the proceedings have the right to present the observations which they regard as relevant to their case. This right can only be seen to be effective if the observations are actually "heard", that is to say duly considered by the trial court. In other words, the "tribunal" has a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties (Kraska v. Switzerland, § 30; Van de Hurk v. the Netherlands, § 59; Perez v. France, § 80).*[1] *([1]European Court of Human Rights, Article 6, Right to a Fair Trial, Civil Limb.)* F'dan ir-rigward il-process quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili zgur huwa nieqes ghaliex hemm dubju serju kemm l-atti processwali li taghhom giet ordnata l-allegazzjoni gew tassew allegati. U anke jekk gew allegati jidher illi ma ngabux a konjizzjoni ta' dik il-Qorti u ma gewx proprjament ezaminati minnha x'hin ghaddiet ghal prolazzjoni tas-sentenza taghha billi mkien ma hemm referenza ghalihom fl-istess sentenza u dan kif ser jigi espost hawn taht f'dan ir-rikors;

2.8. Il-process quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili huwa vizzjat u l-pozizzjoni ta' l-esponenti giet ippregudikata ghaliex anke meta l-atturi f' dik il-kawza talbu l-hatra ta' perit tekniku l-esponenti oggezzjona minhabba l-fatt illi kien diga` rrelata l-Perit Rene' Buttigieg fl-atti li kellhom jigu allegati u dik il-Qorti cahdet it-talba proprju minhabba dik ir-raguni. Huwa ghalhekk kontro-sens illi dawk l-atti processwali ma gewx meqjusa x'hin dik il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza taghha. Jekk il-Qorti dehrilha - bhal ma kienet il-fehma ta' l-esponenti - illi galadarba gja irrelata l-Perit Rene' Buttigieg bhala perit tekniku mahtur mill-Qorti ma kienx hemm lok li jerga' jinhatar perit tekniku - allura dik il-Qorti messha hadet konjizzjoni ta' dak illi irrelata l-perit tekniku msemmi u mhux x'hin ma kienx hemm l-atti li suppost gew allegati quddiemha xorta wahda ghaddiet biex tat is-sentenza taghha billi kkupjat dak li qal perit *ex parte*;

2.9. L-esponenti jsostni illi fil-konfront tieghu gie lez ukoll il-principju ta' l-"equality of arms". Jekk l-atturi kellhom l-opportunita` li jressqu perit tekniku *ex parte* u l-esponenti ried li jkun hemm l-atti allegati sabiex ikun hemm l-opinjoni tal-perit tekniku mahtur mill-Qorti, il-fatt li ma kienx hemm l-atti allegati jew jekk kienu allegati ma ttiehdux in kunsiderazzjoni mill-Qorti fis-sentenza taghha allura d-dritt ta' l-esponenti ta' l-"equality of arms" gie serjament lez u b'hekk gie lez il-jedd fundamentali tieghu ta' smigh xieraq;

2.10. Huwa mghallem illi: *The principle of "equality of arms" is inherent in the broader concept of a fair trial. The*

*requirement of "equality of arms", in the sense of a "fair balance" between the parties, applies in principle to civil as well as to criminal cases (Feldbrugge v. the Netherlands, § 44). Content: maintaining a "fair balance" between the parties: equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case - including his evidence - under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis the other party: Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, § 33.*[2](*[2] European Court of Human Rights, Article 6, Right to a Fair Trial, Civil Limb)*

2.11. Element iehor li minnu jilmenta l-esponenti huwa li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ma ddecidietx il-kawza entru zmien ragonevoli kif mehtieg sabiex jinghata effett lil jedd fundamentali ta' smigh xieraq ta' l-esponenti. F'dan ir-rigward jinghad illi l-kawza hadet ghaxar (10) snin sabiex giet deciza b'hafna minn dak iz-zmien okkupat minn differimenti minghajr raguni valida u mill-provi ta' l-atturi f'dik il-kawza illi ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi waqt is-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2013 jigifieri tmien (8) snin wara li pprezentaw il-kawza. Dana kollu biex ma jissemmiex id-dewmien li ser ikun hemm sakemm jigi determinat l-appell ipprezentat mill-esponenti;

2.12. Thares minn fejn thares, il-process quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qortl Civili kien wiehed li ma jwassalx ghal salvagwardja tal-jedd ta' smigh xieraq waqt tali proceduri;

**3. Dwar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili**

3.1. L-esponenti jissottometti wkoll illi anke s-sentenza nnifisha moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tilledi l-jedd tieghu ghal smigh xieraq u dana ghar-ragunijiet illi ser jigu spjegati fil-paragrafi li jmiss;

3.2. Minn qari ta' tali sentenza jidher li meta inghatat minn dik il-Qorti, il-Qort ma qieset xejn u bl-aktar mod assolut il-provi kollha akkwisziti u r-relazzjonijiet teknici u legali li kienu jinstabu fil-processi li suppost kellhom jigu allegati ma' l-atti tal-kawza hawn imsemmija;

3.3. In kwantu dawn kienu jiffurmaw il-bazi u s-sustanza tad-difiza ta' l-esponenti, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet fid-dmir illi jekk tali atti ma kenux jinstabu allegati, tqajjem il-kwistjoni hija stess u jekk kieni allegati li taghti r-ragunijiet ghaliex hija ddiskostat ruhha ghal kollox mis-sejbien tekniku f' dawk il-proceduri gudizzjarji precedenti b'mod illi tat lok Ii jkun hemm gudizzji konfliggenti. Jinstab ritenut illi: *The guarantees enshrined in Article 6 § 1 include the obligation for courts to give sufficient reasons for their decisions (H. v. Belgium, § 53). A reasoned decision shows the parties that their case has truly been heard. Although a domestic court has a certain margin of appreciation when choosing arguments and admitting evidence, it is obliged to justify its activities by giving reasons for its decisions (Suominen v. Finland, § 36). The reasons given must be* sue/as to *enable the*

*parties to make effective use of any existing right of appeal (Hirvisaari v. Finland, § 30 in fine). The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision (Ruh Torija v. Spain, § 29; Him Balani v. Spain, §27) and can only be determines in the light of the circumstances of the case: it is necessary to take into account, inter alia, the diversity of the submissions that a litigant may bring before the courts and the differences existing in the Contracting States with regard to statutory provisions, customary rules, legal opinion and the presentation and drafting of judgments (Ruiz Torija v. Spain, § 29; Hire Balani v. Spain, § 27);*[3]
*([3]European Court of Human Rights, Article 6, Right to a Fair Trial, Civil Limb)*

3.4. Is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta Frar, 2015 tippekka wkoll in kwantu l-aspett ta' "legal certainty" bhal element iehor tal-jedd ta' smigh xieraq billi tmur kontra u hija dijametrikament opposta ghal dak illi kien gie deciz u ritenut fil-proceduri gudizzjarji precedenti hawn fuq imsemmija;

3.5. Tenut kont tal-fatt illi d-difiza ta' l-esponenti kienet impernjata fuq il-proceduri gudizzjarji precedenti, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tippekka, hija vizzjata u tledi l-jedd ta' l-esponenti ghal smigh xieraq meta tinjora ghal kollox il-provi u relazzjonijiet li ghalihom irrefera l-esponenti fid-difiza tieghu. Ma jistax jinghad illi s-sentenza in kwistjoni hija

wahda motivata meta kull ma ghamlet il-Qorti huwa illi kkupjat ir-relazzjoni teknika *ex parte* ipprezentata mill-atturi f'dik il-kawza u dan meta suppost kellu jkun hemm relazzjoni teknika gudizzjarja fl-atti processwali li kellhom jigu allegati;

3.6. L-intimat lanqas jista' jargumenta illi issa hemm ir-rimedju ta' l-appell illi ghadu pendenti ghaliex l-appell - l-aggravju relattiv - huwa ibbazat fuq in-nuqqas li l-atti processwali jigu allegati kif kien gie ordnat. Issa jista' jkun il-kaz li l-atti kienu nstabu u gew allegati izda ma kienux qeghdin jimxu mal-process tal-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** u ghalhekk meta l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ghaddiet ghas-sentenza taghha, l-atti li suppost kellhom jigu allegati ma kienux quddiemha u ghalhekk ma haditx konjizzjoni taghhom;

3.7. Kienet x'kienet is-sitwazzjoni, il-process quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili huwa wiehed ivvizjat u ma jwassalx ghal dawk il-garanziji mehtiega sabiex jigi salvagwardjat id-dritt ta' smigh xieraq ta' l-esponenti;

**4. Talbiet**

4.1. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi matul il-process tal-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM

fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kollha spjegati f’dan ir-rikors;

(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi inoltre, bis-sentenza nnifisha moghtija fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;

(iii) fit-tielet lok, tiddikjara u tiddeciedi illi f'kull kaz, il-jeddijiet fundamentali ta' l-esponenti, hawn fuq imsemmija, ser ikomplu jew x'aktarx ser ikomplu jigu miksura jekk kemm-il darba ma tigix imhassra s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar 2015 fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;**

(iv) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u

tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar, 2015 fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;**

(v) tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni sofferti mill-esponenti minhabba tali vjolazzjonijiet;

4.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Settembru 2015 u ordnat n-notifika tal-istess rikors lill-intimati b' 20 jum zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali datata 28 ta' Awwissu 2015 a fol 15 tal-process fejn espona bil-qima:

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi l-proceduri civili tal-kawza fl-ismijiet *'Grezzju Farrugia et vs. Alexander Barbara et* (Citazz. 634/2005) huma vizzjati tant li allegatament jiksru d-drittijiet ta' l-istess rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protetti permezz ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ilment tar-rikorrenti huwa ibbazat fuq l-allegazzjoni li skont hu kien hemm numru ta' nuqqasijiet fil-proceduri u fil-gbir tal-provi, li s-sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ukoll tilledi d-drittijiet

fundamentali tieghu u li kien hemm dewmien esagerat fil-proceduri civili.

Illi l-esponenti jissottometti illi l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi l-esponent jibda biex jirrileva *in lima* preliminari li hemm nuqqas serju fl-integrita` tal-gudizzju. Bir-rikors odjern ir-rikorrenti qieghed jattakka l-process kollu kemm hu tal-kawza fl-ismijiet *Grezzju Farrugia et vs. Alexander Barbara et (634/2005),* tant li fit-talbiet tieghu qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tannulla s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, u dan minghajr ma huma parti fil-kawza odjerna l-atturi Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina mart Salvu Barbara u Mario Farrugia. Kif ser jigi sottomess iktar 'l quddiem waqt is-smigh tal-kawza, l-atturi zgur li ghandhom interess kbir li jkunu parti f'din il-kawza galadarba kienu huma li fethu l-proceduri civili kontra ir-rikorrenti u nghataw sentenza favorevoli mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk biex il-gudizzju ikun integru l-atturi ghandhom ikunu parti ta' din il-kawza wkoll.

Fuq l-istess linja jinghad li n-nuqqasijiet li jsemmi ir-rikorrent fir-rikors promotur allegatament ikkawzahom id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali pero` jigi rilevat li d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali m'huwiex parti mill-kawza u allura ma jistax jirrispondi ghal dawn l-allegazzjonijiet. Ghalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma li d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jkun parti f' din il-kawza wkoll.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari wkoll jigi rilevat li r-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali *stante* illi qieghed juza procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghad hemm pendenti r-rimedju tal-appell sabiex jitharsu d-drittijiet pretizi minnu.

F'dan ir-rigward jigi rilevat li r-rikorrent Alexander Barbara intavola appell mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar 2015 liema appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Galadarba l-ilmenti imsemmija fir-rikors odjern huma "copy and paste" tal-aggravji imqajma fl-appell din il-kawza hija palezement intempestiva u abbuziva. Dan kollu jmur ukoll kontra l-principju li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taghmilha ta' Qorti tal-Tielet jew tar-Raba' Istanza.

Illi ghaldaqstant peress li dan ir-rikors huwa intempestiv ghaliex ghad hemm l-appell li jrid jigi deciz huwa opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan *ai termini* tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u fuq il-mertu, l-esponent jirrileva li l-ilment principali tar-rikorrenti jidher li hu ibbazat fuq allegat nuqqas mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li jallega l-atti tal-process numru 247/1979 kif mitlub mir-rikorrent u li dan kien ta' pregudizzju kbir ghalih

tant li ma kellux smigh xieraq fil-kawza bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi dwar dan jinghad minnufih li din hija allegazzjoni li ma gietx ippruvata. Min jallega irid jipprova u f' dan il-kaz ir-rikorrent qieghed jallega xi haga li ma gietx ippruvata u anzi jidher li l-atti in kwistjoni gew fil-fatt allegati mal-process civili. Ghalkemm huwa minnu li d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali pprezenta nota fejn indika li l-process numru 247/1997 ma nstabx pero' jirrizulta bhala stat ta' fatt li eventwalment dawn l-atti instabu u konsegwentement gew allegati mal-process numru 634/2005. Ghalhekk dawn l-atti kienu u ghadhom a dispozizzjoni tal-partijiet kollha fil-kawza u l-Prim' Awla Tal-Qorti Civili kellha kull fakulta' li tiehu konjizzjoni taghom. B'hekk jigi li dan l-ilment huwa assolutament infondat u bla bazi.

Fi kwalunkwe kaz minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li r-rikorrent gie b'xi mod imcahhad milli jressaq xi provi. Jekk wiehed jezamina l-verbali tas-seduti, ir-rikorrent qatt ma qajjem din il-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti u l-partijiet inghataw kull possibbilita' li jressqu l-provi kollha li dehrilhom xierqa. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-principju ta' l-*equality of arms.* L-esponent jerga' jtenni li fuq din il-kwistjoni ta' provi hemm appell pendenti li ghadu ma giex deciz mill-Qorti ta' l-Appell u f' dan ir-rigward jigi nnutat ukoll li mar-rikors ta' l-appell, ir-rikorrenti esebixxa numru konsiderevoli ta' provi u dokumenti in sostenn tal-aggravji li qajjem. Allura naturali wiehed isaqsi ghalfejn dawn il-provi ma gewx esebiti mill-ewwel quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti

Civili meta dawn kienu kollha disponibbli u producibbli ghar-rikorrenti?

Illi matul ir-rikors odjern, ir-rikorrent jghid ripetutament li d-difiza tieghu fil-kawza civili kienet ippernjata fuq l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji numru 247/1979. Pero` anke hawn hekk tajjeb li jigi rilevat li effettivament is-sentenza li tirrigwarda dik il-kawza fl-ismijiet *Giovanni Barbara et vs. Carmelo Farrugia et* deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 1997 giet esebita in atti permezz ta' nota a fol 107 tal-process. Ghalhekk il-Prim' Awla tal-Qorti Civili hadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet f'dik is-sentenza pero` xorta wahda fid-diskrezzjoni taghha ghamlet il-gudizzju separat u distint taghha. Jekk ir-rikorrent ma jaqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-Ewwel Qorti ma jfissirx li gie lez xi dritt fundamentali.

Illi ghalhekk anke hawn jidher car li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

4. Illi r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt li s-sentenza stess moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti tilledi d-drittijiet tieghu ghal- smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponent jerga' jtenni li l-mansjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhijiex li toqghod tirrevedi u taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi fil-kawza civili bhala Qorti tat-Tielet jew tar-Raba' Istanza. Hemm appell li ghadu pendenti u ghalhekk *se mai* hija l-Qorti tal-Appell li ghandha tara jekk l-aggravji li qajjem ir-rikorrent, li jolqtu direttament il-mertu tal-kawza civili,

humiex gustifikati jew le u jekk is-sentenza appelleta hijiex nulla jew le.

5. Illi dwar l-ilment tad-dewmien tal-proceduri l-esponent jirrileva li jekk kien hemm xi dewmien dan zgur ma ikkawzahx l-Avukat Generali galadarba lanqas biss huwa parti fil-kawza. Minn ezami tal-verbali jidher car li kienu l-partijiet stess li damu hafna biex itellaw il-provi taghhom.

Illi skont il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u intiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-Ligi.

Illi *in vista* tas-suespost ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

7. Bl-Ispejjez

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 24 ta’ Settembru 2015 (fol 20) fejn meta sejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr William Cuschieri u Dr Christian Falzon Scerri ghall-Avukat Generali. Dr William Cuschieri ghar-rikorrenti talab il-kjamat in kawza tal-partijiet l-ohra li huma parti fic-citazzjoni numru 634/2005 u senjatament Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina Barbara u Mario Farrugia. Dr Falzon Scerri rrimetti ruhu ghat-talba. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamat in kawza tal-persuni msemmija u ordnat korrezzjoni fl-okkju u fl-atti tal-kawza kif inhu mehtieg, kif ukoll li r-rikorrent kellu jghaddi ghan-notifika tal-istess kjamati fil-kawza, li kellu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondu. Dr Cuschieri talab ukoll l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 634/2005 inkluz klalunkwe process iehor allegat mieghu. Rifferibbilment ghall-allegazzjoni tal-atti, il-Qorti laqghet it-talba f’dan l-istadju. Il-kawza giet differita ghan-notifika u ghall-korrezzjoni tal-atti u sabiex tkompli tigi stradata l-kawza ghall-5 ta' Novembru 2015 bejn id-9:30a.m. u l-9:45a.m.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawza Grezzju Farrugia karta ta' l-identita' numru 236656(M), Francis Farrugia karta ta' l-identita' numru 34475 (M) u Michelina mart Salvu Barbara, karta ta' l-identita numru 157149(M) u Mario Farrugia karta

ta' l-identita' numru 361353(M) datata 11 ta' Jannar 2016 a fol 26 tal-process fejn esponew :

Illi l-esponenti gew notifikati bl-atti f'dana r-rikors u qed jipprezentaw il-prezenti risposta.

**Ilment Kostituzzjonalu u Konvenzjonali**

Illi l-ilmenti Kostituzzjonali u Konvenzjonali tar-rikorrent huma (i) fil-konfront tal-process fil-kawza 634/2005SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et** u (ii) fil-konfront tas-sentenza fl-istess kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Frar 2015 in kwantu li huwa jsostni li gie serjament lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Illi r-rikorrenti jsostni li meta l-Prim' Awla giet biex tiddeciedi l-kawza l-atti tal-kawza 247/1979 li huwa kien talab allegazzjoni taghhom mal-process 634/2005SM ma kienux gew allegati u/jew il-Qorti ma rathomx ghaliex fis-sentenza ma hemm ebda referenza ghalihom u s-sentenza hija bbazata interament fuq ir-rapport tal-perit inkarigat *ex parte* mill-parti avversarja.

**Integrita` tal-Gudizzju**

Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru *stante* li r-rikorrenti naqas li jharrek lid-Direttur tal-Qrati Civili li dwaru qed jigi allegat nuqqas billi ma kienx sab process li kien

intitlef (ara nota tal-4 ta’ Gunju 2008 tal-istess Direttur). Illi ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunal huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri *stante* li l-kwistjoni kostituzzjonali *de quo* tirrigwarda wkoll l-andament ta' l-amministrazzjoni pubblika inerenti fid-Dipartiment Governattiv li ghalih jirrispondi r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali billi process li kien fil-kustodja tieghu baqa' ma nstabx.

**Rimedju Ordinarju**

Illi minghajr pregudizzju u *in linea* preliminari wkoll qed jigi sottomess li r-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali billi huwa qed juza mizura straordinarja meta huwa qed juza fl-istess hin ir-rimedju ordinarju ta’ Appell sabiex ihares id-drittijiet tieghu, liema appell ghadu pendenti. Hu ovvju li dak li qed jitlob ir-rikorrenti f'dana r-rikors, u cioe` li tithassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawza numru 634/05, jista' facilment jottjenieh, dejjem jekk ghandu ragun, fil-proceduri tal-Appell.

Huwa risaput li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi tieghu.

Ir-rimedju irid jkun wiehed accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.

Issa fil-kaz in ezami l-ilmenti imsemmija fir-rikors odjern huma kopja identika (*cut and paste*) tal-aggravvji mressqa mir-rikorrent fl-atti tar-rikors tal-Appell fejn talab ir-revoka tas-sentenza 634/05, li hi l-istess talba li qed jaghmel f'dawn il-proceduri. In oltre gie deciz diversi drabi li dina l-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni li sservi bhala Qorti tat-tielet jew raba’ grad.

Ghalhekk l-esponenti qed jitolbu li dina l-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita l-funzjoni taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dana *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-ligijiet ta’ Malta, *stante* l-ezistenza tar-rimedju ordinarju.

**Rimedju Kostituzzjonali**

Ghar-rigward tat-talba tar-rikorrent ghal rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali fil-konfront tal-esponenti, ghandu jinghad illi *in linea* mal-gurisprudenza ta' dina l-Qorti hu principalment obbligu tal-Istat u mhux tal-individwu privat li jassigura li d-drittijiet fundamentali tac-cittadini ma jinkisrux. Mhux l-obbligu ta' l-individwu li jara li l-ligijiet tal-

pajjiz u l-ordinament guridiku jitmexxa skont il-ligi. Fil-konkret illi fil-kaz in ezami l-esponenti ma kienux responsabbili ghal fatt li l-process ma nstabx u lanqas li l-Imhallef ma kkunsidrax provi li suppost kellu jikkunsidra, kif qed jallega r-rikorrent.

**Fil-Mertu**

Illi fil-mertu l-ilmenti principali tar-rikorrent huma li ma gewx allegati l-atti tal-process 247/1979 u li l-Ewwel Qorti injorat il-provi li kien hemm f'dak il-process meta giet biex taghti s-sentenza.

(1) Nuqqas ta’ allegazzjoni tal-atti tal-process 247/79 illi l-oneru tal-prova li l-atti mitluba mir-rikorrent ma gewx allegati fl-atti processwali taqa' fuq l-istess rikorrent. Jidher imma li effettivament l-atti in kwistjoni kienu gew allegati u kienu jinsabu fis-sigrieta tal-Imhallef u ghalhekk kienu a dispozizzjoni kemm tal-partijiet kif ukoll tal-Imhallef. Jigi rilevat inoltre li ghalkemm skont ir-rikorrent kienu ghaddew tliet snin minn meta ntalbet l-allegazzjoni tal-atti, ma jirrizultax mill-provi li r-rikorrent ha xi passi biex il-process jigi rikostrwuit jew biex huwa jerga’ jipprezenta kopji tar-relazzjoni u tad-dokumenti fl-atti tal-process 247/79. Ir-rikorrent issa esebixxa numru konsiderevoli ta’ provi u dokumenti, u ghalhekk wiehed jistaqsi ghalfejn ma esebiex dawn il-provi quddiem l-ewwel Qorti meta dawn kienu a disposizzjoni tieghu.

Dwar il-kwistjoni ta’ provi ghad hemm appell pendenti u jekk il-Qorti tal-Appell hija tal-fehma li kien hemm xi nuqqas fl-atti processwali hija dejjem tista’ tannulla s-sentenza u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tirrikkunsidra dawk il-provi.

(2) L-Ewwel Qorti injorat il-provi li kien hemm fil-process 247/79 meta giet biex taghti s-sentenza.

Illi fis-sentenza 634/05 hemm imnizzel li l-Qorti kienet ordnat l-allgazzjoni tal-atti fil-kawza 247/1979 u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 97/1979, u fil-premessi tas-sentenza l-Qorti tghid li hija ezaminat id-dokumenti ezibiti u mkien ma ssemmi li kien hemm xi kwistjoni dwar nuqqas ta' dokumenti fil-process.

Illi l-ewwel Qorti kellha quddiema kopja tas-sentenza tal-31 ta’ Jannar 1997 (ara fol 107) u l-Ewwel Qorti ma setghetx ma haditx konjizzjoni taghha. L-ewwel Qorti zgur li qrat is-sentenza, ix-xhieda tal-konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti li rreferew diversi drabi ghal dak li kien sab il-Perit Rene` Buttigieg. Ir-rikorrent fl-ebda stadju ma talab biex jirriproduci dawk ix-xhieda li kienu xehdu f'dik il-kawza meta kien jaf li l-process ma kienx instab. L-ewwel Qorti bil-provi li kellha quddiemha waslet ghal konkluzzjoni li abbazi ta' dak li kkostata l-Perit Valerio Schembri, l-atturi kellhom ragun u l-Qorti dehrilha li kellha taghmel gudizzju differenti. Hija qaghdet fuq dak li rrelata l-Perit Valerio Schembri li kien ezamina l-kuntratt ta’ xiri tal-post tal-atturi bil-gardina u mill-kejl li kellu u mill-access li ghamel fuq il-post wasal

ghall-konkluzjoni li kienet saret uzurpazzjoni da parti tar-rikorrent. Jekk illum ir-rikorrenti ma jaqbilx ma' dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti ma jsewgwiex li ghalhekk gie lez xi dritt fundamentali tieghu.

Illi mhux funzjoni ta' dina l-Qorti li tezamina jekk il-Prim' Awla ddecidiet il-mertu korrettement jew le imma *semai* hija l-Qorti tal-Appell li quddiemha hemm l-appell pendenti li ghandha l-funzjoni li tiddeciedi jekk kienx hemm xi nuqqas u jekk ghandhiex tilqa' l-aggravju tar-rikorrent u tannulla s-sentenza appellata. Ma hijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti; anqas ma hu l-kompitu taghha li tirrevedi d-decizjoni ta' l-ewwel l-Qorti; il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi *o meno* d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea.

**Dewmien**

Ir-rikorrent jilmenta ukoll dwar dewmien fil-proceduri fil-kawza numru 247/79 li llum tinsab quddiem il-Qorti tal-Appell. L-esponenti jirrileva li dana l-ilment jidher li sar mir-rikorrent *en passant* u r-rikorrenti kull ma ddedika kien paragrafu wiehed, [para 2:11], u dan il-paragrafu kien skarn ghal ahhar minn ragunijiet li jistghu jsawru dana l-allegat dewmien li minnu huwa jilmenta. Infatti ma saret ebda referenza ghall-atti u ghal verbali bhala prova dwar dana l-ilment. Il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tigi ezaminata fl-assjem taghha u mhux fuq

episodju jew parti minn dina l-procedura sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm ksur tad-dritt tas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. Illi jrid jigi pruvat mhux biss li l-kaz dam pendenti aktar milli suppost imma li kien hemm dewmien kappriccuz, fejn ma sar xejn, u fejn parti wahda hadet vantagg fuq l-iehor.

Kwantu ghat-talba ghal danni, l-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrent ghad-danni hija prematura u intempestiva *stante* li ghad irid jigi deciz mill-Qorti tal-Appell jekk ir-rikorrent ghandux ragun fl-aggravji tieghu. Jekk is-sentenza tigi annullata r-rikorrent ma jkun sofra l-ebda danni u dana bhal ma jigri meta wiehed jitlef kawza imbaghad jappella.

**Konkluzjoni**

*In vista* tas-suespost l-esponenti huma tal-fehma li ma nkiser l-ebda dritt fundamental tal-rikorrent u dana anke billi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li huwa juza, u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita l-funzjoni taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dana *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 14 ta' Jannar 2016 (fol 32) fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrent assistit, Dr Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali u Dr Benjamin

Valenzia ghall-kjamati in kawza. Il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tad-Direttur (Qrati Civili u Tribunali), u tordna li ssir l-istess korrezzjoni fl-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghan-notifika lir-Registratur li jkollu ghoxrin (20) jum biex iwiegeb, ghat-18 ta' Frar 2016 fis-1:00p.m.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza d-Direttur Qrati Civili u Tribunali datata 8 ta' Marzu 2016 fejn espona bir-rispett:-

1. Illi *in linea* preliminari qed jigi eccepit illi l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi *in linea* preliminari wkoll jigi eccepit illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha *stante* li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedju ordinarju a dispozizzjoni tieghu. In fatti bil-qima jinghad illi kif minnu stess sottomess il-kawza in kwistjoni qieghda pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell li ghandha kull dritt - jekk thoss li kien hemm xi nuqqas - li terga' tirrinvijja l-atti lura lill-Ewwel Qorti u kwindi r-rikorrent ma jkun soffra assolutament ebda pregudizzju *multo magis* ksur tad-drittijiet kif minnu allegat.

3. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti ghalkemm f'parti mill-premessi tieghu jghid li l-atti li huwa kien talab jigu allegati ma gewx hekk allegati, sussegwentement fl-istess premessi jkompli jghid li wara li ghamel ricerka mal-esponenti rrizulta li l-atti fil-fatt kienu gew allegati tant li

kienu jinsabu fis-sigrieta tal-Imhallef li ta s-sentenza u ghalhekk il-binarju tal-ilment tieghu hu fis-sens li l-Qorti ma hadetx konjizzjoni tal-istess atti. Ghal dan l-ahhar ilment l-esponenti bl-ebda ma hu l-legittimu kontradittur u kwindi anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Minn dan il-binarju huwa car li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilment tieghu ghall-operat tal-Qorti li hu jghid naqset milli tara process li kellha a dispozizzjoni taghha u ghal din il-lanjanza zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli l-esponenti.

5. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru 2004 fejn intqal:

*'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'*

6. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:

*'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirrapprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet min ghandhom skont il-ligi - u hu ma hux f'pozizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

*7.* Illi *in oltre* ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et.**

8. Illi jekk min-naha l-ohra l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens li l-process ma giex allegat, bil-qima jinghad illi fil-fatt il-process in kwistjoni gie effettivament allegat kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kors tal-kawza, tant li l-istess process instab fis-sigrieta tal-lmhallef u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Illi finalment bil-qima jinghad li dan l-ilment ma jistax jitqajjem issa f'dan l-istadju u f'dawn il-proceduri u dana wara li l-partijiet kollha ma semmew xejn fuq dan il-punt matul il-kors kollu tal-kawza: la waqt il-gbir tal-provi u lanqas waqt is-sottomissjonijiet finali u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

10. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Alexander Barbara datata 24 ta' Ottubru 2017 a fol 71 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali pprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-10 ta' April 2018 a fol 110 *et seq* tal-process.

Rat il-verbaI tas-seduta tal-Hamis 5 ta' Lulju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr William Cuschieri ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla. Dehru Dr Noel Bartolo, Dr Maurizio Cordina u Dr Benjamin Valenzia ghall-intimati. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri prezenti - Dr William Cuschieri, Dr Maurizio Cordina u ta' Dr Noel Bartolo. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrent qieghed jitlob li matul il-process tal-kawza u bis-sentenza innifisha fil-kaz Numru 634/2005 fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et**, gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit **fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** inkorporati fil-Ligijiet ta’ Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta (**Il-Konvenzjoni)**. Konsegwentement, qieghed jitlob lill-Qorti thassar is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla Qorti Civili fis-26 ta’ Frar 2015, fl-ismijiet sucitati, u tinghata kull ordni opportuna sabiex jigu zgurati d-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkluz li tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni sofferti minhabba tali vjolazzjonijiet;

Illi l-**Avukat Generali** laqa’ preliminarjament billi eccepixxa li hemm nuqqas serju ta’ integrita` tal-gudizzju; u li r-rikorrent qed jabbuza mill-process Kostituzzjonali *stante* li qed juza procedura intempestiva u straordinarja meta hemm ir-rimedju pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghaldaqstant ikun opportun li dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan *ai termini* tal**-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso ghall-**Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319** tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju. Fil-mertu gie eccepit li dwar l-ilment principali tal-attur li l-atti processwali ma gewx allegati, dan ma jirrizultax sufficjentement ippruvat, anzi jidher li l-atti gew allegati u

kienu a disposizzjoni tal-partijiet, u f’kull kaz minn ezami tal-verbali tal-kaz 634/2005, ma jirrizultax li Alexander Barbara kien gie mcahhad milli jressaq xi provi fl-andament ta’ dik il-procedura. Illi gie eccepit ukoll, li ghad hemm appell pendenti fuq il-kwistjoni tal-provi, fejn gew esebiti bosta dokumenti u provi li setghu gew esebiti quddiem il-Qortii ta' Prim’Istanza. Inoltre s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet *Giovanni Barbara et vs. Carmelo Farrugia et* deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar 1997 giet esebita in atti permezz ta’ nota a fol 107 tal-process u il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili hadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet f’ dik is-sentenza. Jekk ir-rikorrent ma jaqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-Ewwel Qorti ma jfissirx li gie lez xi dritt fundamentali. Rigward l-ilment tad-dewmien gie sostnut, li l-procedura gudizzjarja trid tigi ezaminata fl-assjem taghha, inoltre` jrid jigi ppruvat li d-dewmien kien kapiccuz jew intiz biex jizvantagga.

Il-kjamati in kawza Farrugia, eccepew preliminarjament li l-gudizzju mhuwiex integru u li r-rikorrent qed jabbuza minn din il-mizura straordinarja *stante* li ghandu pendenti r-rimedju ordinarju tal-Appell. Fil-mertu gie eccepit, rigward in-nuqqas tal-allegazzjoni tal-atti, li ghad hemm l-appell pendenti u jekk jinstab li kien hemm xi nuqqas fl-atti, dejjem tista’ tibghat lura l-atti lill-Ewwel Qorti biex tikkunsidra l-provi, u dan il-kaz hu limitat biss biex tara jekk gewx lezi *o meno* d-drittijiet fundamentali tal-attur. Referibbilment ghad-dewmien, gie eccepit, li jrid jigi ppruvat mhux biss li l-kaz dam aktar milli suppost, izda li kien hemm dewmien kapriccuz, fejn ma sar xejn, jew parti

wahda hadet vantagg minn parti ohra. In kwantu ghat-talba ghad-danni, gie sostnut li din it-talba hi prematura *stante* li ghad irid jigi deciz mill-Qorti tal-Appell jekk l-aggravji jigux milqugha.

Id-Direttur Qrati Civili u Tribunali, ukoll kjamat in kawza, eccepixxa *in linea* preliminari li mhuwiex il-legittimu kontradittur, u li din il-Qorti ghandha tiddeklina mis-setghat Kostituzzjonali taghha *stante* li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedju ordinarju a disposizzjoni tieghu. Rigward l-ilment principali tal-attur li l-atti processwali ma gewx allegati, gie sostnut, li wara ricerka, instab fil-fatt, li l-atti kienu fis-sigrieta tal-Imhallef li ta s-sentenza, inoltre` dan l-ilment ma jistax jitqajjem f'dawn il-proceduri, meta l-partijiet ma semmew xejn dwar dan waqt l-andament tal-kaz 634/2005.

**Fatti:**

Illi l-qofol tal-vertenza bejn ir-rikorrent u l-kjamati Farrugia tirrisali ghal-litigju fuq il-linja ta' demarkazzjoni f'gardina li tinsab fuq in-naha ta' wara tal-fond 70, gja 69, Triq Santa Marija Gudja, accessibli minn fuq Triq Burgrat, Gudja, Jirrizulta li missier ir-rikorrent, Giovanni Barbara kien ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni (MI 97/1979) u sussegwentement kawza ta' spoll (Citazz Numru 247/1979FGC) fl-ismijiet **Giovanni Barbara et vs Carmelo Farrugia**, liema kaz gie deciz fil-31 ta' Jannar 1997, fejn allega li l-intimat Farrugia kien invada l-proprjeta' tieghu. Fiz-zewg proceduri kien gie nominat il-Perit Rene Buttigieg bhala Perit Tekniku li rrelata favur Giovanni

Barbara. Madanakollu meta Giovanni Barbara beda xoghlijiet ta' kostruzzjoni tal-hajt divizorju, uhud mill-ahwa Farrugia pprocedew fil-konfront tal-attur Alexander Barbara b'rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni 1389/2003/NC fl-ismijet **Carmelo Farrugia et vs Alexander Barbara.** In segwitu, pprezentaw kawza rivendikatorja kontra l-attur Alexander Barbara, (Citazz Numru 634/2005/SM) fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et** fejn ikkontestaw it-titolu tal-gardina.

Il-kaz 634/2005/SM gie deciz fis-26 ta' Frar 2015, u l-appell ghadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Illi l-aggravju principali mressaq mill-appellant jippernja fuq nuqqasijiet processwali quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li jifformaw ukoll il-bazi tat-talbiet imressqa bir-rikors odjern quddiem din il-Qorti.

**<u>Provi:</u>**

**Alexander Barbara** xehed permezz ta' affidavit (fol 45-49) u kkonferma li l-ewwel kaz, li kien wiehed ta' spoll, kien ipprezentah missieru Giovanni Barbara, fl-ismijiet **Giovanni Barbara et vs Carmelo Farrugia** (247/1979FGC). Semma li f'dak il-kaz kien mahtur il-Perit Rene Buttugieg, li fir-relazzjoni tieghu kien hejja pjanata bid-delineazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti. Fil-kunsiderazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza, li ma kintix giet appellata, kien inghad li l-hajt kien jinsab delineat mill-Perit Tekniku fi pjanta **Dok RB4**, fejn kien gie konkjuz li l-hajt hu mibni fi proprjeta` tal-atturi. Spjega li

precedentement, ghal dan il-kaz, missieru kien anke pprezenta talba ghall-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 97/1979. Qal li fl-atti ta' dak il-Mandat kien inhatar il-Perit Rene Buttigieg, u l-Perit Tekniku Edwin Calleja, li kienu waslu ghall-konkluzjoni li Farrugia invadew il-proprjeta` ta' missieru. Sussegwentement regghu bdew il-problemi meta kien qed jaghmel xoghlijiet fil-gardina, li dwarha kienet diga stabbilita l-qasma, meta Farrugia kienu pprezentaw rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1389/2003NC fl-ismijiet **Carmelo Farrugia et vs Alexander Bugeja.** Spjega li l-Qorti kienet regghet hatret lill-Perit Rene Buttigieg, li rega' kkonferma r-rapport precedenti, u t-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet giet michuda.

In segwitu, fl-1 ta' Lulju 2005, uhud mill-ahwa Farrugia ipprezentaw kaz kontrih, il-kaz anness 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et**. Qal li d-difiza tieghu f'dak il-kaz kienet ibazata fuq il-kawzi precedenti msemmija, u b'hekk kien talab l-allegazzjoni tal-atti. Izda, qal, l tliet snin wara l-prezentata ta' dak il-kaz, l-atti kienu ghadhom ma gewx allegati, u kienet saret komunika lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili, fejn kienet giet ipprezentata nota li l-atti ma nstabux, liema nota ma gietx notifikata lilu. Ghalhekk ma kienx a konoxxenza tal-fatt li l-atti processwali baqghu ma gewx allegati. L-ahwa Farrugia kienu talbu l-hatra ta' perit, izda kien wiegeb li diga kien irrelata l-Perit Rene Buttigieg fuq il-materja in kwistjoni, b'hekk il-Qorti cahdet it-talba ghal Perit Tekniku.

Dwar dan il-kaz, qal li ma setax jifhem li meta nghatat is-sentenza fis-26 ta' Frar 2015, il-kaz kien gie deciz kontrih. Kien sussegwentement ghas-sentenza, li ntebah li l-atti tal-kawzi precedenti ma kinux gew allegati, fil-fatt minn qari tas-sentenza datata 26 ta' Frar 2015, deher li l-Qorti ma kellhiex quddiemha l-atti processwali li kellhom jigu allegati, tant li dik is-sentenza hi bbazata fuq rapport ta' perit *ex parte*. Ghalhekk, fuq parir tal-avukat tieghu, pprezenta appell minn dik is-sentenza, fejn ilmenta li kellhom jigu allegati l-atti processwali mitluba, li baqghu ma gewx allegati. Ghal dan l-aggravju, Farrugia irrispondew li kien messu ilmenta qabel dwar dan.

Ghalhekk, qed isostni f'dan il-kaz, li f'dak il-process quddiem il-Prim' Awla Civili kien hemm nuqqasijiet serji, tant li tliet snin wara, l-allegazzjoni tal-atti processwali kienet ghadha ma saritx, ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali ma kinitx giet notifikata lil hadd mill-partijiet jew lill-avukati, b'hekk qed isostni li s-sentenza tal-Prim' Awla Qorti Civili hija mankanti ghaliex kemm-il darba kien irrizulta li l-atti ma gewx allegati *stante* li ma nstabux, ma kellhiex tipprocedi bis-sentenza.

Qal li bhala rimedju, qed jitlob, li tithassar is-sentenza li nghatat mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-kaz 634/2005/SM nhar is-26 ta' Frar 2015, sabiex kollox jitqieghed fis-sitwazzjoni qabel inghatat is-sentenza, sabiex terga' tigi deciza mill-gdid. Dan qed jitolbu minhabba l-fatt li l-appell pendenti hu bbazat fuq l-atti li ma gewx allegati ghax ma

nstabux, izda issa li l-atti nstabu, wara li gie pprezentat l-appell, ghalhekk, x'aktarx tali aggravju ma jistax iregi.

**Emanuel Sciriha**, Direttur Qrati Civili u Tribunali xehed (fol 57-58)[1] u qal li kien kellmu Dr. William Cuschieri u nfurmah li kienet inghatat sentenza mill-Prim'Awla Civili, fejn suppost kien hemm process allegat liema atti ma kinux gew allegati. Spjega li kien kellem lid-Deputat bit-telefon, u dak il-hin stess kien qallu li l-atti kienu hemm mal-process deciz.

In **kontro-ezami** qal, li l-atti ma rahomx. B'referenza ghan-nota tar-Registratur tal-Qorti fejn inghad li l-atti ma kinux instabu, qal li dik kienet giet ipprezentata zmien ilu. Mistoqsi meta d-Deputat Mario Azzopardi, kienx infurmah jekk l-atti kinux mal-process jew f'*cupboard* qal li kienu f'*cupboard*. Qal li generalment, meta jigi allegat process ma' process ta' kawza ohra, d-Deputat tal-Awla jiehu hsieb inizzel fuq l-inkartament tal-process, li jkun hemm process iehor allegat mieghu.

**Mario Azzopardi** xehed (fol 59-60)[2] u qal li meta cempillu s-Sur Sciriha fuq process numru 634/05/SM, kien saqsih jekk kienx hemm atti allegati mal-process, kien fittixhom fis-Sigrieta u kienu hemm. Qal li dak il-hin il-kaz kien diga deciz, izda mbaghad jerga' jitla' biex jintaxxah. Hu qal li sas-sentenza, hu jiftakar li l-process kien kollu hemmhekk. Mistoqsi izda l-processi l-antiki kinux hemm fiz-zmien li

[1] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2016.
[2] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2016.

nghata is-sentenza, qal li ma jistax ighid, mhux hu kiteb is-sentenza. Qal li l-processi kienu fil-*cupboard*, bhal processi l-ohrajn ghas-sentenza, li jkunu f'*cupboard*.

**Il-Qorti ser tibda biex tittratta l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-kjamati in kawza.**

**Nuqqas ta' Integrita' fil-Gudizzju**

Illi l-Avukat Generali ssolleva din l-eccezzjoni *stante* li l-partijiet l-ohra fil-kawza fl-ismijiet ***Grezzju Farrugia et vs. Alexander Barbara et*** (634/2005) ma kienux parti f'dawn il-proceduri. Eccepixxa li dan kien mehtieg billi r-rikorrent odjern kien qed jiimpunja l-process kollu segwit f'dik il-kawza u t-thassir tas-sentenza.

Inoltre eccepixxa li l-gudizzju ma kienx integru *stante* li d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali m'huwiex parti fil-kawza minkejja li qed jigi addebitat b'nuqqasijiet f'dawk il-proceduri. Din l-eccezzjoni giet sollevata wkoll mill-kjamati fil-kawza Farrugia.

Din l-eccezzjoni giet sorvolata bis-sejha fil-kawza ta' Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina mart Salvu Barbara u Mario Farrugia u tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-eccezzjonijiet dwar in-nuqqas ta'**

**integrita' tal-gudizzju sollevata mill-Avukat Generali u mill-kjamati in kawza Farrugia .**

**Legittimu Kontradittur**

Id-Direttur Qrati Civili u Tribunali eccipixxa *in linea* preliminari li m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Id-Direttur, fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, irribadixxa li jirrizulta li l-atti infatti gew allegati. Kwindi l-ilment tar-rikorrent mhuwiex u ma jistax ikun indirizzat lilu imma *semmai* unikament lejn l-operat tal-Qorti. Jghid ukoll li dan l-ilment ma jistax jitqajjem issa f'dan l-istadju u f'dawn il-proceduri wara li l-partijiet ma semmew xejn tul il-kors tal-kawza.

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-agir tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali ghad irid jigi stabbilit u jigi determinat jekk ikkommetta xi mankanzi gravi , u dan wara li jigu terminati l-proceduri kollha b'sentenza definittiva. L-ilment tar-rikorrent jimxi fuq zewg binarji, li mhumiex ghal kollox indipendenti minn xulxin - u cioe` l-addebitat nuqqas tad-Direttur u dak tal-Qorti tal-ewwel grad fir-rigward tal-procedura ghall-allegazzjoni tal-atti, is-sejbien taghhom, l-inseriment fil-process, u l-konjizzjoni taghhom mad-decizjoni finali tal-Qorti.

Ghaldaqstant tqies li d-Direttur Qrati Civili u Tribunali huwa legittimu kuntradittur biex iwiegeb ghat-talbiet tar-rikorrent.

Dan ma jfissirx li, fil-mertu, dak li qed jigi attribwit lid-Direttur huwa minnu, izda biss li huwa l-legittimu kontradittur biex iwiegeb ghat-talbiet tar-rikorrent. Ghaldaqstant ser tghaddi biex tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali.

**Intempestivita' u n-Non Esawriment ta' Rimedji Ordinarji**

Illi l-Avukat Generali eccepixxa li dan ir-rikors huwa intempestiv u abbusiv ghaliex ghad hemm l-appell li jrid jigi deciz u ghalhekk issottometta li huwa opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan *ai termini* tal-**Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u **l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju. Hu sostna li r-rikors odjern huwa effettivament mibni fuq l-istess aggravji *copy and paste* li huma l-bazi tal-appell tieghu. Dan kollu jmur ukoll kontra l-principju li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taghmilha ta' Qorti tal-Tielet jew tar-Raba' Istanza.

L-eccezzjoni ta' non-esawriment ta' rimedji ordinarji giet sollevata mill-kjamati in kawza Farrugia li sostnew li l-ilmenti imsemmija fir-rikors odjern huma kopja identika (*cut and paste*) tal-aggravvji mressqa mir-rikorrent fl-atti tar-rikors tal-Appell fejn talab ir-revoka tas-sentenza 634/05, li hi l-istess talba li qed jaghmel f'dawn il-proceduri. In oltre gie deciz diversi drabi li dina l-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni li sservi bhala Qorti tat-tielet jew raba' grad.

Ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali eccepixxa bl-istess ragunament li din il-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha *stante* li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedju ordinarju a dispozizzjoni tieghu. Gie sostnut li l-Qorti tal-Appell ghandha kull dritt - jekk thoss li kien hemm xi nuqqas - li terga' tirrinvijja l-atti lura lill-Ewwel Qorti u kwindi r-rikorrent ma jkun soffra assolutament ebda pregudizzju *multo magis* ksur tad-drittijiet kif minnu allegat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi qabel xejn jigi senjalat li l-Avukat Generali eccepixxa wkoll l-intempestivita' tal-kawza fl-istess kuntest tal-eccezzjoni tieghu dwar in-non esawriment ta' rimedji ordinarji. Dawn huma zewg eccezzjonijiet distinti billi l-intempestivita' tirreferi ghall-htiega *o meno* li wiehed jistenna l-konkluzjoni tal-proceduri ordinarji kollha qabel ma jigi investigat ilment taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (*proceedings as a whole)*. Jidher minn qari tal-eccezzjoni imsemmija li l-Avukat Generali qed jinvoka **l-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni** u **l-artikolu 4(2) tal-Kap 319** u hija din id-diskrezzjoni li ser tigi hawn trattata.

Illi l-intimati u l-kjamati fil-kawza wkoll qed jistiednu lil din il-Qorti sabiex tezercita d-diskrezzjoni taghha u tiddeklina li tkompli tisma' din il-kawza fit-termini t**al-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ir-rikors odjern huwa pernjat fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u

mhux fuq lezjoni Kostituzzjonali. Ghalhekk din il-Qorti ser tikkonsidra l-eccezzjonijiet biss b'referenza ghall-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hu pacifiku li l-akkoljiment *o meno* ta' eccezzjoni ibbazata fuq dan il-*proviso* jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-*proviso* hija fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Illi l-ghan tal-Qorti ghandu jkun li tfittex li tqieghed lill-persuna li qed issoffri ksur ta' dritt fondamentali fis-sewwa b'mod effikaci u bl-inqas dewmien. Fl-ahhar mill-ahhar, il-Qrati ordinarji mhumiex huma aditi bil-gurisdizzjoni originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali ghalkemm huwa mistenni li josservaw dawn id-drittijiet fl-andament tal-procedimenti quddiemhom.

Illi dwar dan l-aspett, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet '**George Scerri et v. L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**' (Rik.45/2009 deċiża fl-1 ta' Frar 2011) irriteniet:

"*Illi meta, bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda' minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "kostituzzjonali", il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005, fil-kawża* ***Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u***

***Expatriate Affairs***[3]*, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006."*

Illi meta jissemma' li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[4]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[5]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża.

Inoltre, l-mezz xieraq ta' rimedju irid ikun wiehed potenzjalment effettiv - cioe` wiehed li jista' jew seta' kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma tal-ksur ghal dak il-ksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju, billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'mod li l-vittma jitqieghed fl-*istatus quo ante.* (Ara wkoll **Mediterranean Film Studios Ltd vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et** (Q.K. deciza fil-31 ta' Ottubru 2003; "**Ryan Briffa vs Avukat Generali**"[6] deciza fl-20 ta' Marzu 2014, fejn il-Qorti Kostituzzjonali gabret il-principji applikabbli fil-materja).

[3] Rik. Kost. Nru. 22/05/JRM
[4] Ara Kost. 5.4.1991 fil-kawża fl-ismijiet **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXV.i.106)
[5] P.A Kost. 9.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Clifton Borg vs Kummissarju tal-Pulizija** (mhix pubblikata)
[6] Ara wkoll **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine** moghtija fis-7 ta' Marzu 1994

L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjonali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[7]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[8].

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha rilevanti ghall-kaz inkluz l-atti tal-kawza **634/05/SM**, u tar-rikors tal-Appell tar-rikorrent odjern ipprezentat fis-17 ta' Marzu 2015. Setghet taghraf li r-rikors odjern f'partijiet estensivi tieghu jikkonsisti f'ezercizzju ta' *copy and paste* mir-rikors tal-appell. Dan seta' sar ghar-ragunijiet ta' pratticita', izda jirrizulta palezament li, fis-sustanza taghhom, ir-ragunijiet li r-rikorrent gab 'il quddiem f'dawn il-proceduri huma l-istess ragunijiet li ressaq bhala aggravji fir-rikors tal-appell tieghu.

**L-aggravji sollevati mill-appellanti fir-rikors tal-appell huma:**

1. In-nullita' tas-sentenza appellata *stante* li provi sostanzjali u principali li kellhom jigu allegati mal-process

[7] P.A Kost. VDG 9.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Victor Bonavia vs L-Awtorita` tal-Ippjanar** et (mhix pubblikata)
[8] Ara, f'dan ir-rigward Kost. 9.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet **McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXXV.i.268); u Kost.
27.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet (Kollez. Vol: LXXXVII.i.48)

tal-kawza ma gewx allegati[9]. Inoltre l-ewwel Qorti ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha s-sottomissjonijiet u l-provi kollha tal-partijiet meta giet biex tiddeciedi l-kawza. L-appellanti[10] issottomettew li anke jekk l-artikolu **790 tal-Kap 12** ma japplikax, is-sentenza ma tistax titqies li hija wahda gusta billi tmur dijamitrikament kontra dak li kien gie deciz f'sentenza ohra precedenti bejn il-predecessuri fit-titlu tar-rikorrenti u ggib fix-xejn ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Rene Buttigieg minghajr imqar ma taghmel referenza ghall-istess. Dan igib ukoll lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq billi l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza minghajr ma kellha dawk il-provi quddiema;

2. Is-sentenza appellata hija dijametrikament opposta u tmur kontra dak li Qorti kienet irriteniet fil-proceduri gudizzjarji precedenti dwar il-gardina;

3. Konsegwentement sar zball mill-ewwel Qorti fis-sentenza dwar l-apprezzament tal-kaz.

4. Fil-mertu li l-intimat appellant (ir-rikorrent odjern) ma invadiex il-proprjeta' tal-attur f'dik il-kawza.

5. Li x-xoghlijiet li ghamlu l-intimati appellanti saru fil-proprjeta' taghhom.

6. Aggravju dwar il-hlas tal-ispejjez gudizzjarji.

---

[9] Referenza ghall-process shih ta' kawza Cit Nru 247/1979 FGC, u tal-Mandat ta' Inibizzjoni 97/1979 ,bix-xhieda u dokumenti hemm esebiti inkluz ir-relazzjonijiet u pjanti tal-Perit Tekniku Rene Buttigieg

[10] Alexander Barbara u Francesca Farrugia

Illi fir-rikors odjern, r-rikorrent Alexander Barbara qed jilmenta li gie lez id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq fil-proceduri inkorsi u decizi bis-sentenza appellata. L-ilment konvenzjonali tar-rikorrent huwa kemm fil-konfront tal-process kollu quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll fil-konfront tas-sentenza moghtija mill-istess Qorti.

Basikament jghid li kien hemm mankanzi serji li wasslu ghal-lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu u ghan-nuqqas ta' osservazzjoni tal-principju ta' *equality of arms* billi ma gewx allegati provi importanti, cioe`, l-process kollu tal-kawza u tal-Mandat ta' Inibizzjoni decizi precedentement ,inkluz il-pjanti u rapporti tal-Perit Rene Buttigieg. Din il-mankanza, skont ir-rikorrent, kemm presentement kif ukoll permezz tal-appell tieghu, ghandha twassal ghan-nullita' tas-sentenza innifisha li ma kkonsidrathomx minkejja li kien hemm ordni ghall-allegazzjoni taghhom. Anzi dik il-Qorti strahet fuq rapport ta' perit tekniku *ex parte*, minkejja li kienet cahdet talba ghall-hatra ta' perit espert abbazi tal-ezistenza tar-rapporti peritali tal-Perit Rene Buttigieg. B'hekk is-sentenza kienet diametrikament opposta ghal dak gja deciz b'sentenza u b'digriet antecedenti.

Illi r-rikorrent jikkonsidra li r-Registratur Qrati Civili u Tribunali huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet amministrattivi imsemmija fir-rikors tieghu. Dwar dan huwa minnu li r-Registratur mhuwiex parti mill-proceduri fl-Appell izda lanqas kien iccitat f'dan il-gudizzju mir-rikorrent u gie imsejjah ghall-fini tal-integrita' ta' dawn il-proceduri.

Madanakollu l-fatt dwar l-allegazzjoni tal-atti, jew in-nuqqas tal-istess, huma fatti li jirrizulta mill-premessi bhala ragunijiet ghall-appell u kwindi bilfors ghandhom jigu kkonsidrati ghall-fini tal-istess appell mill-Qorti tat-tieni istanza.

Ikkonsidrat li s-sentenza lanjata ghadha ma ghaddietx in gudikat u tista' tigi rovexxjata mill-Qorti tal-Appell li hija adita b'talbiet ibbazati fuq l-istess ragunamenti u premessi imressqa quddiem din il-Qorti. Ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-Qorti tal-Appell m'ghandhiex il-kompetenza biex tiddetermina jekk il-process kien vizzjat minhabba mankanzi serji procedurali fis-smigh tal-kawza, u/jew li s-sentenza kienet vizzjata minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' provi li kellhom jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, jew li ngiebu izda ma gewx ikkonsidrati, jew minhabba xi nuqqas tal-ewwel Qorti li taghti "*a reasoned judgment*".

Illi r-rikorrent issottometta li l-aggravju tieghu hu bbazat fuq in-nuqqas li l-atti processwali jigu allegati kif kien gie ordnat, "*jista' ikun il-kaz li dawn l-atti instabu u gew allegati izda ma kienux qeghdin jimxu mal-process tal-kawza 634/2005, u ghalhekk meta l-On. Prim' Awla tal-Qorti Civili ghaddiet ghas-sentenza taghha, l-atti li suppost kellhom jigu allegati ma kienux quddiemha ...*".

Illi r-rikorrent mhuwiex qed ikun ghal kollox preciz billi l-appell tieghu huwa msejjes fuq diversi aggravji kif

ikkonstatat *ante*, u mhux limitatament ghal dak hawn premess.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar in-nuqqas ta' allegazzjoni tal-atti, tali aggravju jehtieg indagni ta' fatt li jispetta fl-ewwel lok, lill-Qorti tal-Appell li hija adita b'kompetenza ordinarja li tiddetermina jekk dak li qed jallega l-appellant huwa minnu.

Meta wiehed iqis l-aggravji kollha ssollevati, din il-Qorti hija tal-gudizzju li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti tat-tieni grad milli thassar is-sentenza appellata jekk jirrizulta dak li qed jallega ir-rikorrent *in toto* jew *in parte*. Kwindi r-rikorrent ghad ghandu rimedju ordinarju effettiv ghall-ilmenti tieghu li ghadhom ma gewx esawriti.

**Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi tiddeklina milli tezercita` s-setghat taghha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u tal-kjamati fil-kawza tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji**

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u tal-kjamati in kawza Farrugia, tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali, filwaqt li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fit-termini tal-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-**

**Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk tilqa' din l-eccezzjoni issollevata mill-intimat u mill-kjamati in kawza billi jirrizulta li r-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrent ghadhom ma gewx esawriti.

Konsegwentement tehles lill-intimat u lill-kjamati in kawza milli jkomplu izjed f'din il-kawza.

L-ispejjez jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2018**